



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon u dwar it-tneħħija ta' viżi għal soġġorn qasir 1

REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/736 tas-26 ta' April 2017 li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 f'dak li jirrigwarda l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali tas-Slovenja għall-kontroll tal-iscripie klassika ⁽¹⁾ 2

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/737 tas-26 ta' April 2017 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 4

DIRETTIVI

- ★ Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/738 tas-27 ta' Marzu 2017 li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli fir-rigward ta' ċomb, biex tadatta mal-progress tekniku ⁽¹⁾ 6

Rettifika

- ★ Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/958 tad-9 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards tekniċi regolatorji għall-arranġamenti tekniċi għal preżentazzjoni oġġettiva ta' rakkomandazzjonijiet ta' investiment jew informazzjoni oħra li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investiment, kif ukoll għad-divulgazzjoni ta' interessi partikulari jew indikazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess (ĠU L 160, 17.6.2016) 9

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Informazzjoni relatata mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon u dwar it-tneħħija ta' viżi għal soġġorn qasir

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gżejjer Solomon dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2017, ladarba l-proċedura prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim tlestiet fit-30 ta' Marzu 2017.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/736

tas-26 ta' April 2017

li jemenda l-Anness VIII tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 f'dak li jirrigwarda l-approvazzjoni tal-programm nazzjonali tas-Slovenja għall-kontroll tal-iscrapie klassika

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt 3.1(b) tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatiji sponġiformi li tinxtered (TSEs) fannimali bovini, ovini u kaprini. Dan japplika għall-produzzjoni u l-introduzzjoni fis-suq ta' annimali ħajjin u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u, f'ċerti każijiet speċifiċi, għall-esportazzjonijiet tagħhom.
- (2) L-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula li l-introduzzjoni fis-suq jew, jekk meħtieġ, l-esportazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini u s-semen, l-embrijuni u l-ova tagħhom huma soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VIII tiegħu. Il-punt 3.1(a) tat-Taqsima A tal-Kapitolu A ta' dak l-Anness jistipula li Stat Membru li jkollu programm nazzjonali għall-kontroll tal-iscrapie klassika ("programm nazzjonali") li jkopri t-territorju kollu tiegħu jista' jippreżenta l-programm nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Il-punt 3.1(b) ta' dik it-Taqsima jistipula li l-Kummissjoni tista' tapprova l-programm nazzjonali jekk ikun konformi mal-kriterji stipulati fil-punt 3.1(a) ta' dik it-Taqsima. Il-punt 3.2 ta' dik it-Taqsima jelenka l-Istati Membri li l-programmi nazzjonali tagħhom ġew approvati.
- (3) Fit-13 ta' Settembru 2016, is-Slovenja ppreżentat lill-Kummissjoni talba għall-approvazzjoni tal-programm nazzjonali tagħha. Fit-8 ta' Jannar 2017, wara talbiet għal aktar informazzjoni, is-Slovenja ppreżentat programm nazzjonali emendat li jipprovdi kjarifika u aktar informazzjoni dwar ċerti aspetti tal-programm stess. Jenħtieġ li dak il-programm nazzjonali emendat jiġi approvat, billi jikkonforma mal-kriterji stipulati fil-punt 3.1(a) tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jiġi emendat sabiex is-Slovenja tiżdied fil-lista ta' Stati Membri bi programmi nazzjonali approvati.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, il-punt 3.2 tat-Taqsima A tal-Kapitolu A jinbidel b'dan li ġej:

“3.2. Il-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-iscrapie tal-Istati Membri li ġejjin huma b'dan approvati:

- id-Danimarka,
- is-Slovenja.”

⁽¹⁾ ĠUL 147, 31.5.2001, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/737**tas-26 ta' April 2017****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali

Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni	
0702 00 00	EG	288,4	
	MA	102,7	
	TR	122,6	
	ZZ	171,2	
0707 00 05	TR	145,1	
	ZZ	145,1	
0709 93 10	MA	78,6	
	TR	144,4	
	ZZ	111,5	
0805 10 22, 0805 10 24, 0805 10 28	EG	48,3	
	IL	80,6	
	MA	50,7	
	TR	41,8	
	ZZ	55,4	
0805 50 10	EG	56,5	
	TR	67,0	
	ZZ	61,8	
0808 10 80	AR	89,5	
	BR	113,5	
	CL	129,3	
	CN	147,6	
	NZ	149,9	
	US	116,7	
	ZA	83,1	
	ZZ	118,5	
	0808 30 90	AR	132,1
		CL	135,1
CN		98,4	
ZA		113,1	
ZZ		119,7	

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2017/738

tas-27 ta' Marzu 2017

li temenda l-Anness II għad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli fir-rigward taċ-ċomb, biex tadatta mal-progress tekniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1)(b) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi l-limiti ta' migrazzjoni għall-ġugarelli jew għall-komponenti tal-ġugarelli, għal firxa ta' elementi, inkluż iċ-ċomb f'ġugarelli b'materjal niexef, likwidu u mibrux. Il-limiti taċ-ċomb f'kull materjal tal-ġugarell huma 13,5 mg/kg, 3,4 mg/kg u 160 mg/kg rispettivament.
- (2) Dawk il-limiti kienu bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istitut Nazzjonali Netherlandiż għas-Saħħa Pubblika u l-Ambjent (RIVM) li saru frapport tal-2008 intitolat "Chemicals in Toys. A general methodology for assessment of chemical safety of toys with a focus on elements". Ir-rakkomandazzjonijiet tar-RIVM kienu bbażati fuq il-konklużjoni li l-esponiment tat-tfal għaċ-ċomb ma jstax jaqbeż ċertu livell, imsejjaħ id-"doża tollerabbli ta' kuljum". F'dak ir-rapport, ġie stabbilit li d-doża tollerabbli ta' kuljum ta' ċomb ta' 3,6 mikrogrammi għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem, hija l-valur ta' referenza tossikoloġiku.
- (3) Peress li t-tfal jiġu esposti wkoll għaċ-ċomb minn sorsi oħra apparti l-ġugarelli, ċertu perċentwal biss mill-valur ta' referenza tossikoloġiku għandu jiġi allokat għall-ġugarelli. Fl-opinjoni tiegħu dwar l-"Assessment of the bioavailability of certain elements in toys" (Stima tal-bijodisponibbiltà ta' ċerti elementi fil-ġugarelli), adottata fit-22 ta' Ġunju 2004, il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent irrakkomanda li jenħtieġ li l-kontribuzzjoni massima tal-ġugarelli tiġi limitata għal 10 % tad-doża massima tollerabbli għaċ-ċomb. Fl-opinjoni tiegħu dwar l-"Evaluation of the Migration Limits for Chemical Elements in toys" (Evalwazzjoni tal-limiti ta' migrazzjoni għall-elementi kimiċi fil-ġugarelli), il-Kumitat Xjentifiku għas-Saħħa u r-Riskji Ambjentali (SCHER) qabel ma' dan l-approċċ li d-doża taċ-ċomb mill-ġugarelli ma għandhiex taqbeż l-10 % tal-valur ta' referenza tossikoloġiku. Barra minn hekk, peress li ċ-ċomb jitqies partikolarment tossiku, il-limiti tiegħu fid-Direttiva 2009/48/KE ġew stabbiliti għal nofs il-livell li jitqies sigur skont il-kriterji tal-Kumitat Xjentifiku rilevanti, sabiex jiġi żgurat li jkun fihom biss traċċi ta' ċomb kompatibbli mal-prassi tajba ta' manifattura. B'hekk, il-limiti taċ-ċomb ġew stabbiliti f'dik id-Direttiva għal 5 % tad-doża tollerabbli ta' kuljum, ammont determinat bħala l-migrazzjoni taċ-ċomb mill-ġugarelli.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ikkonkludiet li għaċ-ċomb, bħala metall tossiku, m'hemm l-ebda limitu li taħtu l-esponiment għaċ-ċomb ma jkollu l-ebda effett kritiku fuq is-saħħa. Bl-istess mod, l-esponiment ta' livell baxx għaċ-ċomb jista' jikkawża newrotossiċità, jiġifieri ħsara lis-sistema nervuża u l-moħħ, b'mod partikolari diffikultà fit-tagħlim. Għalhekk, skont l-għarfien xjentifiku l-ġdid ippubblikat mill-EFSA, id-doża tollerabbli ta' kuljum ma għandhiex tibqa' tintuża bħala l-valur ta' referenza tossikoloġiku.

⁽¹⁾ ĠUL 170, 30.6.2009, p. 1.

- (5) Skont l-EFSA, il-valur ta' referenza tossikoloġiku l-ġdid li jrid jintuża biex jiġu stabbiliti l-limiti taċ-ċomb huwa l-BMDL₀₁ (benchmark dose limit — id-doża limitu ta' referenza) relatat mal-effetti fuq l-iżvilupp newroloġiku. Il-BMDL₀₁ huwa limitu aktar baxx ta' kunfidenza (perċentil ta' 95) tad-doża ta' referenza, li jikkorrispondi għal 1 % ta' riskju addizzjonali tan-nuqqasijiet intellettuali fit-tfal imkejjel skont l-iskala sħiħa tal-punteġġ tal-IQ, jiġifieri tnaqqis ta' punt wieħed tal-IQ fuq dik l-iskala. Il-BMDL₀₁ huwa ekwivalenti għad-doża ta' kuljum ta' ċomb ta' 0,5 mikrogrammi għal kull kilogramma ta' piż tal-ġisem.
- (6) Il-Kumitat għall-Istima tar-Riskji stabbilit taħt l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi qabel mal-EFSA li l-BMDL₀₁ huwa l-ogħla esponiment tollerabbli għaċ-ċomb. Peress li attwalment il-livelli medji ta' ċomb fid-demem tat-tfal Ewropej huwa 4 darbiet aktar mill-ogħla livell ta' esponiment tollerabbli, u peress li ma jista' jiġi stabbilit l-ebda limitu għall-effetti fl-iżvilupp newroloġiku, kemm jista' jkun irid jiġi evitat kull esponiment addizzjonali.
- (7) Bl-applikazzjoni tal-aħħar żviluppi xjentifiċi għall-metodoloġija fir-rapport RIVM tal-2008 biex jiġu kkalkulati l-limiti siguri għall-elementi fil-ġugarelli u bl-applikazzjoni tal-approċċ tad-Direttiva 2009/48/KE għall-ġestjoni tar-riskji ta' elementi partikolarment tossiċi bħaċ-ċomb, il-limiti taċ-ċomb fil-ġugarelli stabbiliti fid-Direttiva 2009/48/KE jenħtieġ li jiġu riveduti, u għandhom jiġu stabbiliti għal allokkazzjoni ta' 5 % tal-BMDL₀₁ għall-protezzjoni tas-saħħa tat-tfal.
- (8) *Erratum* għar-rapport RIVM tal-2008, ippubblikat fl-2015, qies li l-ammonti ta' materjal niexef u likwidu minn ġugarelli li wieħed jassumi li jinbelgħu mit-tfal, ammonti li fuqhom huma bbażati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tar-RIVM tal-2008, jenħtieġ li jiġu espressi bħala ammonti ta' kull ġimgħa minflok ammonti ta' kuljum. Sussegwentement, SCHER sostna li l-ammonti ta' inġestjoni oriġinarjament rakkomandati huma adegwati u jenħtieġ li jibqgħu jiġu espressi bħala ammonti ta' kuljum minflok ta' kull ġimgħa, u b'hekk jikkonfermaw li l-metodoloġija użata fir-rapport tar-RIVM tal-2008 biex jiġu kkalkulati l-limiti siguri għall-elementi fil-ġugarelli hija korretta. Għalhekk, il-metodoloġija użata fir-rapport tar-RIVM tal-2008 jenħtieġ li tkompli tiġi applikata għall-finijiet li tistabbilixxi l-limiti riveduti għaċ-ċomb fil-ġugarelli.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2009/48/KE tiġi emendata skont dan.
- (10) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2009/48/KE ma ta l-ebda opinjoni dwar il-miżuri previsti f'din id-Direttiva; għaldaqstant, il-Kummissjoni sottomettiet lill-Kunsill proposta dwar dawk il-miżuri u baġhtitha lill-Parlament Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fit-tabella taħt il-punt 13 tal-parti III tal-Anness II għad-Direttiva 2009/48/KE, l-annotazzjoni għaċ-ċomb tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“Ċomb	2,0	0,5	23”
-------	-----	-----	-----

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux iktar tard mit-28 ta' Ottubru 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-28 ta' Ottubru 2018.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ABELA

RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/958 tad-9 ta' Marzu 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards tekniċi regolatorji għall-arranġamenti tekniċi għal preżentazzjoni oġġettiva ta' rakkomandazzjonijiet ta' investiment jew informazzjoni oħra li tirrakkomanda jew tissuġġerixxi strateġija ta' investiment, kif ukoll għad-divulgazzjoni ta' interessi partikulari jew indikazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 160 tas-17 ta' Ġunju 2016)

Fil-paġna 19, fl-Artikolu 6(1), fil-frażi introdutturja ta' dan il-paragrafu u fil-punti (a) u (b),

minflok: "1. B'żieda mal-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 5, persuna li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 3(1)(34)(i) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u espert għandhom jinkludu fir-rakkomandazzjoni l-informazzjoni li ġejja dwar l-interessi u l-kunflitti ta' interess tagħhom rigward l-emittent li għalih tirrelata r-rakkomandazzjoni, direttament jew indirettament:

- (a) jekk ikollhomx pożizzjoni netta twila jew bin-nieqes li teċċedi l-livell ta' 0,5 % tal-kapital azzjonarju maħruġ totali tal-emittent, ikkalkulat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 u mal-Kapitoli III u IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2012 ⁽¹⁾, dikjarazzjoni f'dak is-sens li tispeċifika jekk il-pożizzjoni netta tkunx twila jew bin-nieqes;
- (b) jekk l-emittent ikollux parteċipazzjoni li taqbeż 5 % tal-kapital azzjonarju maħruġ totali tiegħu, dikjarazzjoni f'dak is-sens;"

aqra: "1. B'żieda mal-informazzjoni meħtieġa fl-Artikolu 5, il-persuni li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 3(1)(34)(i) tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u esperti għandhom jinkludu fir-rakkomandazzjoni l-informazzjoni li ġejja dwar l-interessi u l-kunflitti ta' interess tagħhom rigward l-emittent li għalih tirrelata r-rakkomandazzjoni, direttament jew indirettament:

- (a) jekk il-persuna jew l-espert ikollhom pożizzjoni netta twila jew bin-nieqes li teċċedi l-livell ta' 0,5 % tal-kapital azzjonarju maħruġ totali tal-emittent, ikkalkulat skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 u mal-Kapitoli III u IV tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 918/2012 ⁽¹⁾, dikjarazzjoni f'dak is-sens li tispeċifika jekk il-pożizzjoni netta tkunx twila jew bin-nieqes;
 - (b) jekk il-parteċipazzjoni tal-emittent fis-sehem tal-kapital totali maħruġ tal-persuna jew l-espert taqbeż il-5 %, dikjarazzjoni f'dan is-sens;"
-

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT